**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt
FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 19-15

**Data:** 25 ta' Ġunju 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana - Kunsilliera
Sur Vincent Bongailas – Kunsillier
Michela Zammit- Ambaxxatriċi

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Mejju 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Pawlu Bongailas.

3. **<u>Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 18.15);</u>**

3.1 Punt 3.5 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar kwotazzjoni kompluta biex jinxtgħelu s-Sebgħa u Għoxrin siġra taż-Żebbuġ max-Xatt kollu wara il-kummenti pożittivi tan-nies fuq is-siġar ta' prova li inxtgħelu fl-istess Xatt.

Il-Kunsill qabel unanimament illi is-siġar għandhom jiġu mixgħula kollha biex b'hekk ikunu uniformi u jinxtgħelu matul is-sena kollha.

3.2 Punt 5.5 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku talbet lis-Seg.Eżek. iżżid nota ma' dan il-punt li jirrigwarda tibdil ta' rotta fi Triq Gianni Raimondo peress illi din ġiet imressqa mis-Sindku fuq talba ta' xi residenti.

4. **Korrispondenza:**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar talba mingħand xi resdienti biex isir xi tip ta' sellum in-naħa ta' Ricasoli fejn qed imorru familji biex jgħumu. Preżentament kull minn irid jinżel jgħum lejn dawn in-naħat qiegħed jixxabbat ma' ħabel li għamlu in-nies stess biex jinżlu ħdejn il-baħar.

Is-Seg.Eżek. Spjegat illi minn naħa tal- Gvern Ċentrali jista jinħadem xi tip ta' sellum kif ukoll jiġi installat fuq il-post minn naħa tagħhom. Il-Kunsill irid jipprovdi il-materjal biss.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jinxtara il-materjal biex b'hekk jiġi imwaħħal dan is-sellum u jitnaqqas il-periklu minn din iż-żona ta' l-għawm.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet b'ilmenti / suġġerimenti minn għand persuna illi il-Kunsill stess kien kellmu biex jieħu permess formali biex jitwaħħal fanal mal-ħajt tal-ġnien tiegħu li jgħati għal Triq San Mikiel minħabba nuqqas ta' dawl f'din l-istess Triq. Dan ir-resident irrifjuta li jitwaħħal fanal mal-ħajt tiegħu kif ukoll ressaq xi lmenti dwar il-ħafna wires li għandu mal-faċċata tiegħu.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek tibgħat email formali lill-Enemalta b'ritratti ċari biex b'hekk jaraw minn naħa tagħhom jekk dawn il-wires jistgħux jiġu irranġati.

Dan l-istess resident talab informalment (bit-telefon) lill-Kunsill jirranġa ix-xifer li għandu ma' l-istess ħajt minħabba li qed jinġabar ħafna ħmieġ kif ukoll jintremew xi siringi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan ix-xifer jagħmel parti mal-propjeta' tiegħu, il-Kunsill ma jidħolx f'din ir-responsabilta'.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill proċeduri li iridu jittieħdu minn qabel ma tiġi approvata il-'Bye Law' li kienet ġiet diskussa fis-sena 2014 għal benefiċċju tal-Kunsill rigward il-Bajja ta' Rinella (campings)

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn il-proċeduri għandhom isiru mill aktar fis possibli biex b'hekk tiġi approvata din il-'Bye Law' minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill dwar suġġeriment / xewqa li wera Pulizija tad-Distrett 'Laising Officer' biex jorganizza attivita' b'nies volontarji mill-lokalita' stess u jinġabru siringi f'inħawi differenti fil-Kalkara

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk il-Pulizija trid tieħu dan l-inkarigu il-Kunsill mhuwiex ser ikun ta' xkiel għal attivita' volontarja ta' ġid jekk ovvjament ikollu grupp li jgħinu volontarjament.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar Offerti li nħargu aktar kmieni din is-sena:

Offerta għal skart goff ġie evalwat mill Konsulent tal-Kunsill u ġiet mirbuħa minn Savior Mifsud wara li kellu kollox miksub skond l-ispeċifikazzjonijiet li nħarġet l-Offerta bih. Dan kien l-unika kuntrattur li tefa l-Offerta.

Offerta ta' Knis infetħet fil-preżenza tas Sindku kif ukoll ta' żewġ Kunsilliera aktar kmieni dan ix-xahar u ser ikun qed jiġi evalwat mill-Konsulent tal-Kunsilll fiż-żmien li ġej.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'ittra formali li ġiet miktuba lis-Seg. Eżek minn għand impjegata tal-Kunsill li ilha għal dawn l-aħħar għaxar snin taħdem il-Kunsill tal-Kalkara.

F'din l-ittra is-Sinjura DeGiovanni qed tirrikjedi li tibqa taħdem mal-Kunsill fuq bażi ta' siegħat imnaqqsa wara li tispiċċa bil-Penzjoni fis-sena 2016 għal sentejn oħra.

Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk id-Dipartiment jaċċetta formalment din ir-rikjesta minn naħa tagħhom.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser tkun qed tibgħat 'reminder' lill-Gvern Ċentrali

dwar il-problema ta' ħruq ta' tyres u storbju fil-Bajja ta' Rinella, kif ukoll ser tkun qed tinforma il-Pulizija biex b'hekk iduru aktar ta' spiss lejn din in-naħa

Is-Sindku qalet ukoll illi ser tkun qed titlob il-Gvern Ċentrali biex jitwaħħlu aktar tabelli biex tinżamm il-Bajja aktar nadifa fuq suġġeriment tan-nies stess.

5.5 Is-Sindku ippreżentat ir-riżultati tal-istħarriġ li intbgħat aktar kmieni dan ix-xahar lir-residenti ta' l-inħawi ta' Triq Sptar Navali wara rikjesta li ġiet minn għand resident stess biex jitneħħew is- siġar taż-żebbuġ minn quddiem ir residenza tiegħu stess u jitmexxew għal post ieħor fil-Kalkara stess.

L-istħarriġ wera biċ-ċar illi r-residenti ta' l-inħawi ma jridux li dawn jitmexxew minn fejn qegħdin fil-preżent.

4 Kunsilliera qablu illi dawn is-siġar għandhom jibqgħu fejn qegħdin. Filwaqt li Kunsillier ieħor astjena.

5.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar attivita' li ġiet posposta minn naħa tal Aċċess li kienet skedata għal aktar kmieni din is-sena pero minħabba affarijiet ta' loġistika ser tkun qed tiġi terġa skedata għal ħabta ta' Ottubru 2015 ġewwa il-lokalita tal-Kalkara.

5.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar applikazzjoni ta' dawl li ser tkun qed tieħu ħsieb hi li tintela wara rikjesta minn għand ir-residenti li joqgħodu fi Sqaq l-Ixprunara minhabba in-nuqqas ta' dawl li hemm f'dan l-isqaq.

5.8 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ittri li intbgħatu minn naħa tagħha stess lill-kuntratturi tal-Kunsill kif ukoll lill xi nies li taf hi personali b'talba ta' għajnuna biex b'hekk tkun tista taħdem fuq attivita' ġewwa il-lokal kif diġa kienet semmiet fis sena 2014. Hija saħqet illi jekk ovvjament ma jinġabarx l-ammont mistenni din l-attivita' tiġi ikanċellata. Il-flus kollha li jinġabru minn din l-attivita' ser ikunu qegħdin imorru għal 'Marigold Foundation' kif ukoll għal Dar il-Wens fil-lokalita' tagħna stess.

5.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha mal-Ministru Joe Mizzi fil-Ministeru fejn ġie ippreżentat proġett kapitali li ser ikun qed japplika għalih il-Kunsill Lokali. Il-Ministru aċċetta formalment flimkien mar-Reġjun Xlokk illi ser ikun qed jgħati l-għajnuna tiegħu kemm bħala xogħol li jista jsir minn naħa tal-ħaddiema tiegħu kif ukoll għajnuna ta' Periti ta' l-art u tal-baħar biex b'hekk dan il-proġett ikun ta' suċċess u jibbenefikaw minnu ir-residenti kif ukoll turisti li jżuru il lokalita tal-Kalkara.

Il-Kunsill ser ikun qiegħed japplika għal Fondi Ewropej hekk kif appena jinħarġu is-sejħiet. Sadanittant ser ikunu qegħdin jitlestew pjanti fuq rikjesta tal-Ministru flimkien man-nies mill-Ministeru tiegħu.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 _*Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti*_

a. Is-Sur Chris Bruno għarraf lill-Kunsill dwar kors bit-titlu 'Operation Excellance' li ser ikun qed jingħata lill- Kunsilliera tal-Kalkara wara li dan il- proġett pilota ġie approvat mis- Segretarju Parlamentari l-Onor Dr.Stefan Buontempo.

Is-Sur Bruno talab lis-Seg.Eżek tiltaqa mal-persuna li ser tkun qed tgħati it-taħriġ ta' dan il-kors biex b'hekk tkun tista tgħinu u tatih punti fuq liema l-iktar hemm bżonn ta' informazzjoni / taħriġ

6.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana***

a) Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg .Eżek. terga tibgħat email formali li kienet intbgħatet lil Transport Malta biex Triq Rinella (naħa tal-Bajja) tiġi waħda 'One Way' minħabba ir-raġunijiet li kienu diġa ġew diskussi waqt laqgħa tal- Kunsill aktar kmieni din is-sena.

Is-Sinjura Sultana spjegat illi iltaqgħet mas-Sinjura Audrey Testaferrata De noto kumbinazzjoni u kellha iċ-ċans tispjegala verbalment il-problemi ta' din it-Triq imsemmija hawn fuq.

b) Is-Sinjura Sultana infurmat lill-Kunsill dwar il-periklu li hemm fi Triq Santa Filomena eżatt fit-taraġ ta' din it-Triq. Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn li dan it-taraġ jiġi irranġat b'forma totalment differenti biex b'hekk jiġi aktar irpużat kif ukoll isiru 'culverts' minħabba il fatt li jinżamm ħafna ilma f' dan l-istess taraġ fix-xitwa.

***6.3 Kunsillier Is-Sinjur Vince Bongailas***

Is-Sur Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tiċċekja ma' Transport Malta jekk il-bankina baxxa li hemm ġewwa Triq Sptar Navali fejn il-bir tistax issir b'rampa biex b'hekk jintrebħu żewġ parkeġġi oħra għal benefiċċju tar-residenti ta' l-inħawi minħabba il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ li hawn lejn dawn in-naħat sa kemm jitlesta l-proġett ta' Bighi.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal-Hamis 16 ta' Lulju 2015 fil -5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**